**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 48 – IT- TNEJN 24 TA' MEJJU 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Joseph Camilleri | Kunsillier |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru seba' u erbgħin (47) kienu ntbagħtu lil kull membru tal -Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn il-11 ta' Mejju u l-24 ta' Mejju 2010.

2.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1349/10. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali talbet lil-Kunsilli Lokali jikkummentaw dwar l-Att Legali Nru. 119 ta' l-2010 – Att dwar il-liċenzji tal-kummerċ li ħareġ dan l-aħħar.

2.3. Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1368/10. Ditta privata kienet qed toffri klassijiet tal-Fuħħar bi ħlas għal min hu interessat.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn il-11 ta' Mejju u l-24 ta' Mejju 2010, kif tidher annessa bħala dkcument C.

3.2 Rigward talba Nru. 11/05-1 biex issir 'sleeping-policeman' ħdejn iz-Zebra-Crossing ta' Triq Geronimo Abos minħabba li vetturi m'humiex jieqfu. Il-Kunsill Lokali kien għa applika biex tiġi nstallata 'hump' hemmhekk, iżda din ġiet irrifjutata mill-Awtorita' tat-Trasport. Lanqas 'rumble-strips' ma kienu aċċettati fuq proposta tal-Kunsill.

3.3 Rigward talba Nru. 12/05-1 biex tinbidel lanterna tal-bozza nru. W064/28 fi Triq Dwardu Cachia għax kull meta jinxtegħel id-dawl u jintefa' qed taqta s-salva vita ta' residenza. Din il-lanterna inbidlet il-ġimgħa l-oħra, iżda jidher li l-problema għadha hemm. Ghaldaqstant il-Kunsill talab lill-kuntrattur biex jerġa jinvestiga u jekk hemm bżonn tinbidel il-lanterna Nru. W063/28 ukoll.

3.4 Rigward talba Nru. 12/05-2 biex għalqa fi Triq Pawlu Grech issir 'parking-area' minflok 'rubbish-damp'. Din l-għalqa hija propjeta' tal-Gvern u qiegħda mikrija lill-persuna privata. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali ma jistax jintervjeni.

3.5 Rigward rapport Nru. 19/05-1 dwar ħafna ġrieden li qed jiġru fi Triq Richard Taylor; il-Kunsill ċempel lil tas-Sanita' biex jitfgħu l-velenu.

3.6 Rigward ilment Nru. 21/05-1 minn residenta fi Triq Anton Buttigieg li kull meta tagħmel ix-xita, qed iżomm l-ilma quddiem id-dar tagħha. Il-Kunsill Lokali sejjer jinvestiga dan l-ilment u jara x'jista' jsir.

3.7 Rigward rapport Nru. 21/05-2 dwar coach ta' Zarb Coaches li jipparkja fi Pjazza Ninu Cremona mad-dawra tas-siġar. Dan ikun hemm matul il-lejl u ċertu ħin matul il-ġurnata. Talba biex jitneħħa. Il-Kunsill sejjer jieħu passi.

3.8 Rigward ilment Nru 21/05-3 dwar 'Bouganvillea ' li qed tesporġi fi Triq Gwann Mamo u twaqqa' ħafna weraq u jiġu fil-kanal ta'dar ta' residenta. Il-Kunsill diġa avża lir-residenti biex jieħu ħsiebha.

3.9 Rigward talba Nru. 24/05-1 minn resident fi Triq Richard

Taylor li trid li ssir linja safra faċċata tad-dar tagħħa peress li għandha karru tat-toys u mhux qed ikun jista' jdaħħlu fil-garaxx minħabba l-karozzi pparkjati faċċata. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jara x'jista' jsir

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA` TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 04046/09. 2, Maranta, Triq Dun Karm c/w Triq Geronimo Abos. Tibdil ta' l-użu minn residenza għal ħanut klassi 4 (art gallery) L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.3 Dwar PA 00661/10. Sit fi Triq Għarghur. Tiġdid tal-permess PA 3378/05. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.4 Dwar PA 03279/05. Biex jinbena mill-ġdid kumpless kummerċjali J.B. House, fi Triq il-Klin u dar, minflok jinbena kumpless ieħor kummerċjali, parkeġġ taħt u appartamenti fuqhom. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.5 Dwar PA 05995/07. Xwieki Farm, Ix-Xwieki. Biex jiġu approvati strutturi addizzjonali tal-permess PA 4271/81. L-applikazzjoni ġiet rifjutata.

5.6 Dwar PA 03826/09. 'Prenatal' Triq Dun Karm. Biex tinbena kamra fuq il-bejt tax-'Showroom', titwaħħal tabella, u approvazzjoni ta' alterazzjonijiet ġewwa u approvazzjoni fit-tibdil żgħir fil-permess Pb3856/89/ 2112/89 fuq il-faċċata. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.7 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 00412/10. Bini mill-ġdid propjeta b'garaxxijiet taħt l-art, bini ta' sular, l-ewwel u t-tieni appartamenti u penthouse fis-sular tal-bejt. 118, Triq Patri Anastasju Cuschieri c/w Pjazza Ninu Cremona.

PA 01065/10. Biex tinfetaħ xatba ġo għalqa. Għalqa fi Sqaq Giarda, Iklin.

5.8 Il-Konsulent tekniku tagħna talab biex nagħmlu oġġezzjoni fuq PA 01668/10 No.9 Triq Richard Taylor.

**6. APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT JANNAR – MARZU 2010.**

6.1 Is-Sur Patrick Caruana, l-Accountant tal-Kunsill Lokali kien preżenti biex jagħti rendikont tad-Dħul u Infiq ta' l-ewwel tlett xhur tas-sena 2010.

6.2 Hu qara r-rapport kollu u taha spejgazzjoni ta' kull item fid-dettall. Fejn kien hemm mistoqsijiet hu rrisponda minnufih.

6.3 Fl-aħħar is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi domandi oħra; Wara staqsa jekk hux kulħadd kien qed jaqbel, u wara dan ġie approvat unanimament.

**7. APPROVAZZJONI TAL-PJAN TA' TLETT SNIN.**

7.1 Is-Sindku Anthony Dalli ippreżenta dan ir-Rapport billi qara rapport tal-ftuħ li kien ħejja hu. Imbagħad kompla biex semma il-Mission Staement, l-Oġġettivi tal-Kunsill, l-Organizzazjoni u r-rapport tas-Segretarju.

7.2 Wara li taha ħarsa lir-Rapport Finanzjarju għat-tlett snin li ġejjin hu għadda biex qara fid-dettall ir-rapporti paġna 9 dwar il-proġetti kapitali għal dawn it-tlett snin.

7.3 Hekk kief spiċċa jaqrah talab biex dan jgħaddi għal vot. Erba' Kunsilliera approvawh, iżda il-Kunsillier Margaret Zammit, li kienet waħda li approvat ir-rapport, għamlet eċċezzjoni fuq paragrafu 3 u qalet li hi qed tastejni għal dak il-paragrafu biss.
Il-Kunsillier Joseph Camilleri ma kienx preżenti f'dan il-ħin tal-vot.

**8. APPROVAZZJONI TAL-MANAGEMENT LETTER TA' L-AWDITUR.**

8.1 Is-Sindku Anthony Dalli ippreżenta l-ittra ta' l-Awditur fejn taha spejgazzjoni tal-punti li ħarġu mill-Audit. Hu għadda biex jaqra l-items waħda waħda u spjegahom.

8.2 Is-Sur Dalli ġibed l-attenzjoni li kien hemm punti oħra li ġew ġustifikati mis-Segretarju u dawn tħassru mill-istess Awditur. Hu qal ukoll li ħafna minn dawn il-punti kienu bla sens u mhux korretti.

8.3 Ikkonfermajna wkoll li fejn hu possibbli dawk il-punti li setgħu jitranġaw minnufih saru mill-ewwel, ta' oħrajn saret nota biex dawn jiġu applikati fil-futur b'aktar attenzjoni.

8.4 Dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

**9. FTUĦ TAL-KWOTAZZJONI TAL-PROĠETT: SUSTAINABLE ENERGY ACTION PLAN.**

9.1 Is-Sindku Anthony Dalli ippreżenta tlett kwotazzjonijiet li poġġa fuq il-mejda. Dawn infetħu waħda waħda u nkitbu fuq skeda mis-Segretarju wara li ġie ikkonfermat li dawn kollha kellhom Garanzija Bankarija kif jidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Econing Engineering Consultancy | €3700 |
| 2. | d-Consult Ltd | €8000 |
| 3. | EMDP Ltd | €2900 |

9.2 Is-Sindku qal li wara li jiġu studjati r-rapporti kollha, imbagħad il-Kunsill jgħaddi għal aħjar proposta. Id-deċiżjoni tittieħed aktar 'il quddiem.

**10. JUM L-IKLIN**

10.1 Is-Sur Dalli reġa' qara l-attivitajiet kollha li sejrin isiru matul it-18 ta' Ġunju sat-28 ta' Ġunju.
Ikkonferma d-dati u l-ħinijiet u qal li dawn issa huma konfermati u talab lis-Segretarju biex jibda jipprepara l-flyer ta' Jum L-Iklin.

**11. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.**

11.1 Is-Sur Dalli irrefera għal talba li kellu l-Kunsill Lokali mingħand id-ditta Mr. Clean Carwash Centre fejn talbu permess biex jagħmlu 'Banner' fi Triq San Mikiel għal tlett xhur.

11.2 Din it-talba hija kkontrollata minn Bye-Law tal-Kunsill Lokali Nru. K.L.B.L. 28/22/2000 fejn tagħti linji ta' gwida fuq il-kobor tal-avviż u ħlas dovut.

11.3 Għaldaqstant is-Sindku, wara li staqsa jekk kienx hemm xi oġġezzjoni mill-Kunsilliera preżenti, talab lis-Segretarju biex jimxi skond il-proċeduri u joħrog il-permess meħtieġ.

11.4 Is-Sur Dalli irrefera għal-kont bankarju fiss Nru. 075-024414 -105 ghal-€40,000 li kein infetaħ biex il-Kunsill jwarrab fondi għal-bini tal-Uffiċċju l-ġdid fi Pjazza Ninu Cremona.

11.5 Hu qal li peress li issa sejjer jkollna bżonn flus f'idejna biex inħallsu l-applikazzjoni tal-Mepa, spejjez tal-konsulatazzjoni tal-Perit u spejjez professjonali, dan il-kont ġie trasferit fil-kont kurrenti tal-Kunsill biex jitħallsu l-ispejjez li jkun hemm bżonn għal dan il-proġett.

**12. AĠĠORNAMENT.**

12.1 Peress li ma kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgħa ġiet fi tmiemh fis-6.55pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 14 ta' Ġunju 2010 fil-5.30pm.

10.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn 14 ta' Ġunju 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |